MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 811/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Mohammed Khamis Biki, ta' 26 years, iben Khamis u Mahda nee ` Abdulatef imwieled il-Libja fil-21 ta' Settembru 1985 u residenti fil-fond Blue Marlin Flat 18, Triq il-Halel, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 52455A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar l-4 ta' Frar 2012 jew fil-jiem ta' qabel f'xi inhawi f'dawn il-Gzejjer:

1. Xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) izda ma jeccedix l-elfejn u

tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgah u tletin centezmu (€2,329.37) mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom u l-oggetti misruqa gew irkuprati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------